Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10351 — BDT Capital Partners/Culligan Group)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 266/07)

1. Fit-22 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BDT Capital Partners, LLC ("BDT", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Culligan Group, li bħalissa huwa kkontrollat esklużviament minn Advent International Corporation ("Advent", l-Istati Uniti tal-Amerka) u bħalissa jopera permezz ta' AI Aqua (Luxembourg) S.a.r.l. u d-diversi sussidjarji tagħha.

BDT takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Culligan Group kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BDT: BDT huwa bank merkantili speċjalizzat f'investimenti f'negozji tal-familja u mmexxija mill-fundaturi. BDT bħalissa għandha 18-il kumpanija ta' portafoll ikkontrollati u attivi globalment,

— Culligan Group: Culligan huwa fornitur internazzjonali ta' soluzzjonijiet għat-trattament tal-ilma, involut fin-negozju tal-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' prodotti tat-trattament tal-ilma għad-djar, in-negozji u l-faċilitajiet industrijali kif ukoll soluzzjonijiet portabbli, "on-the-go". Huwa jispeċjalizza fil-forniment ta' varjetà wiesgħa ta' prodotti għat-trattament tal-ilma, inklużi sistemi ta' trattib u filtrazzjoni, coolers tal-ilma, sistemi ta' ożmożi inversa, desalinazzjoni, soluzzjonijiet tal-membrana u dejonizzaturi. Barra minn hekk, joffri servizzi ta' ttestjar, disinn u installazzjoni tal-ilma fid-djar, analiżi tal-ilma fil-post u tagħmir u servizzi kummerċjali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10351 — BDT Capital Partners/Culligan Group

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË